MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Numru. 537/2010

Il-Pulizija

(Spettur Frank Anthony Tabone)

Vs

Clement Cauchi, ta' 58 sena iben Joseph u Lonziata nee' Grima, mwieled nhar il-5 ta' Mejju 1953 u residenti fil-fond Clemjane, Triq il-Wileg, San Lawrenz, Ghawdex u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 32253(G)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Clement Cauchi li permezz taghha huwa gie akkuzat talli nhar is-06 ta' Mejju 2010 u fil-granet ta' qabel, f'diversi hinijiet, gewwa San Lawrenz Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex:

1. Ftiehem jew b'liema mezz li jkun ghen jew hajjar lil Joseph Portelli sabiex jinkisru d-disposizzjonijiet tal-

A.L.337/2001 u A.L.128/1997 jew biex jonqos milli jikkonforma mad-disposizzjonijiet tal-A.L.337/2001 u l-A.L.128/1997 jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposti minnhom.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqas li josserva xi disposizzjonijiet tar-regolamenti tal-1997 dwra drittijiet u depozitu ghal kull skart u radam.
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi dahal ghal xi attivita fil-mannigjar tal-iskart minghajr permess mill-awtorita kompetenti u bi ksur ta' tharis tar-Regolamenti tal-2001 dwar permessi u kontrolli fil-maniggjar tal-Iskart (A.L.337/2001 Art.6.)

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti f'dan il-process jirrizulta illi nstab xi radam u materjal ta' kostruzzjoni fl-inhawi ta' Tas-Slima, limiti ta' San Lawrenz. Dana t-terrapien jirrizulta illi ntefa' minn certu Joseph Portelli li jikkontendi illi tefa tlett vjaggi trab imhallat bit-terrapien fuq ir-rih tad-Dwejra. Jghid fix-xhieda tieghu illi dana ghamlu fuq struzzjonijiet tal-imputat. Jidher illi huwa kien qieghed ihammel fil-proprjeta ta' Clement Cauchi u dana baghtu jarmi t-terrapien fil-post in kwistjoni. Jghid Portelli illi huwa kien qieghed ihammel plot li fuqu kien ser jinbeda x-xoghol ta' kostruzzjoni.

Illi mix-xhieda ta' Joseph Sciriha rappresentant tal-Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar li mar fuq il-post jirrizulta illi l-art in kwistjoni tinsab irregistrata fuq Clement Cauchi u li minn fuq is-sit tnehhew xi affarijiet fosthom ukoll xi duri. Jirrizulta mix-xhieda ta' Noel Formosa li jokkupa l-kariga ta' Sindku tal-lokalita ta' San Lawrenz illi permessi ghall-tfigh tal-iskart fuq dana s-sit ma hemmx. L-imputat ma jixhidx f'dawn il-proceduri u lanqas ma jressaq provi in difeza.

Illi d-difiza tressaq essenzjalment il-linja difenzjonali illi l-iskart mitfugh jikkonsisti f’hamrija u kwindi ma jaqax taht id-definizzjoni ta’ skart moghtija fil-ligi.

Illi l-Avviz Legali 128 ta’l-1997 jaghti bhala definizzjoni ta’ radam :

“*radam li jorigina f'Malta u li mhux hamrija u jinkludi materjal bhal trab, bicciet tal -gebel tal-franka jew gebel iehor, konkrit, madum, zrar, ramel, xahx, turbazz li jirrizulta minn thaffir, preparazzjoni tal-art, twaqqiegh ta’ bini, xogholijiet ta’ toroq u xogholijiet simili*.”

L-artikolu 3 tal-Avviz Legali imbaghad jiddisponi illi: “*Hadd ma jista’ jiddepozita, radam, skart, jew skart perikoluz f’xi sit li mhux sit ghar-rimi*.”

Ikompli mbaghad l-artikolu 4 jiddisponi illi persuna tista’ tuza sit ghad-depozitu ta’ skart, skart perikoluz jew radam jekk ikollha permess ghal dana l-ghan mahrug mid-Direttur tal-Harsien tal-Ambjent.

Illi kemm mix-xhieda ta’ Joseph Portelli kif ukoll mir-ritratti esebiti in atti jirrizulta ampjament illi l-iskart li ntefa’ minn Portelli ma jikkonsistix biss f’hamrija izda jidher illi hemm materjal iehor ta’ kostruzzjoni. Fil-fatt ittiehdu proceduri kriminali kontra Joseph Portelli fejn huwa, fuq ammissjoni tieghu stess, gie misjub hati ta’ akkuzi simili bhal dawk odjerni.

Illi l-imputat jinsab akkuzat bil-komplicita ma’ Portelli fil-kummissjoni ta’ dana r-reat. Fil-fatt Portelli jghid illi huwa rema l-iskart illegalment fuq struzzjonijiet ta’ Cauchi u li sahansitra Cauchi riedu jarmi xi skart iehor izda huwa rrifjuta li jaghmel dan peress illi Cauchi ma kellux il-permessi necessarji. Ghaldaqstant l-akkuzi fil-konfront tal-imputat jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 3, 4, 22(d) u 23 tal-Avviz Legali 128 tal-1997, regolament 6, 26(e), 27(a) ta’l-A.L. 337/2001 issib lill-imputat hati tal-akkuzi

migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta’ €2500.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------